II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Marzu 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2007/176/KE fir-rigward tal-Lista ta' standards u/jew speċifikazzjonijiet għal netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, u faċilitajiet u servizzi assoċjati

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1001)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/286/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għal netwerks u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tagħha,

Wara li kkonsultat il-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2007/176/KE [2] li tistabbilixxi Lista ta' standards u/jew speċifikazzjonijiet għal netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, u faċilitajiet u servizzi assoċjati. Il-Kapitolu VIII ta' din il-lista jkopri l-istandards għas-servizzi tax-xandir.

(2) Il-provvista armonizzata ta' xandir televiżiv terrestri fuq pjattaformi mobbli hija essenzjali biex tintlaħaq ekonomija ta' skala kbira madwar l-UE kollha. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar it-Tisħiħ tas-Suq Intern tat-TV Mobbli [3], il-Kummissjoni identifikat l-istandard DVB-H (*Digital Video Broadcasting Handheld*) bħala l-aktar standard adegwat għall-iżvilupp fil-futur tat-TV mobbli terrestri fl-Ewropa u wriet l-intenzjoni tagħha li żżid dan l-istandard mal-lista ta' standards,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2007/176/KE, mat-taqsima 8.3 (Xandir Diġitali), fil-Kapitolu VIII tal-Lista ta' Standards, jiżdied dan li ġej:

"Xandir Diġitali bil-Video (li jinżamm fl-idejn) DVB-H	ETSI EN 302 304	Verżjoni 1.1.1"

Artikolu 2

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni
Viviane REDING
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33. Id-Direttiva emendata bir-Regolament (KE) Nru 717/2007 (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 32).
[2] ĠU L 86, 27.3.2007, p. 11.
[3] COM(2007) 409 finali tat-18 ta' Lulju 2007.